# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 235/2010 SM**

**Charmaine Baldacchino Said**
**(I.D. No. 00250877 M)**

**vs.**

**Dedicated Micros (Malta) Limited**
**(C-11951)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi kienet ilha impjegata mas-socjeta` intimata mid-29 ta' Jannar, 1996, (ara foll 6);

1.2. Illi fl-ahhar snin kienet tahdem bhala *technician/ machine operator* u topera *"power drive"* regolarament;

1.3. Illi f'Awwissu 2008 bdiet thoss ugigh f'idejha l-leminija;

1.4. Illi socjeta` intimata irreferita ghand esperti medici fil-qasam tal-ortopedija li ccertifkaw li kienet qed tbaghti minn *"recurrent lateral epicondylitis"* fl-imsemmija id, (ara foll 8 sa 10);

1.5. Illi f'Settembru tal-2008 kienet infurmata mit-tabib tas-socjeta` intimata biex tirrapporta bis-*"sick leave"*;

1.6. Illi irritornat ghax-xoghol f'Ottubru, 2008, izda ma baqghetx tahdem fuq il-*"power drill"*;

1.7. Illi f'Marzu, 2009, regghet giet assenjata xoghol fuq il-*"power drive"*;

1.8. Illi pero` fl-istess zmien indikat fil-paragrafu precedenti regghet kienet kostretta tohrog bis-*"sick leave"* minhabba l-istess kundizzjoni li kienet qed issofri minnha f'idejha l-leminija;

1.9. Illi s-socjeta` intimata ma hallitiex tirritorna ghax-xoghol jekk mhux fuq il-*"power drive"* li effettivament kien qed jikkawza l-ugigh lir-rikorrenti;

1.10. Illi ghalhekk thalliet fuq *"sick leave without pay"*;

1.11. Illi rizultat ta' dan ilha ma tiehu paga ghal perjodu konsiderevoli;

1.12. Illi mhix f'posizzjoni li taghmel kull tip ta' xoghol;

1.13. Illi giet dikjarata li hi intitolata ghall-beneficcju socjali ghall-korriment fuq il-post tax-xoghol;

1.14. Illi s-socjeta` intimata baqghet tirrifjuta ttiha xoghol differenti;

1.15. Illi *nonostante* li interpellata, s-socjeta` intimata baqghet tirrifjuta tiddikjara li r-rikorrenti qed tbaghti minn korriment u dizabilita` rizultat tax-xoghol li kienet taghmel, (ara foll 11);

1.16. Illi ghalhekk l-istess socjeta` baqghet tirrifjuta li tillikwida u thallas id-danni sofferti mir-rikorrenti, inkluzi l-pagi u *"bonuses"* li hi intitolata ghalihom;

1.17. Illi ghalhekk kienet kostretta taderixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.17.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi responsabbli ghall-korriment u dizabilita` tar-rikorrenti;

1.17.2. Tiddikjara li l-istess socjeta` ma kelliex dritt tordna lir-rikorrenti tohrog u tibqa' fuq *"sick leave"* minghajr hlas *stante* li mhix marida izda korriet fuq il-post tax-xoghol;

1.17.3. Tiddikjara li r-rikorrenti hi intitolata tircievi s-salarju u *"bonuses"* li hi intitolata ghalihom bhala impjegata tal-istess socjeta` intimata;

1.17.4. Tillikwida s-somma pagabbli lir-rikorrenti mis-socjeta` intimata ghall-hlas ta' salarju u *"bonuses"*, okkorrendo bl-opra ta' perit komputista;

1.17.5. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.17.6. Tiddikjara lis-socjeta` intimata unikament responsabbli ghad-danni, inkluzi l-ispejjez medici sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess;

1.17.7. Tillikawida s-somma hekk dovuta ghad-danni u spejjez medici in konsegwenza tal-korriment u dizabilita`;

1.17.8. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont hawn ukoll likwidat ghad-danni u spejjez medici involuti;

1.17.9. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-29 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu tat l-indikazzjonijiet procedurali hemm elenkati lill-partijiet, (ara foll 15);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-26 t'April, 2010, li permezz taghha s-socjeta` intimata irrispondiet sintetikament bil-mod-segwenti: (ara foll 19)

3.1. Illi t-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba' (4) talbiet tar-rikorrenti huma infondati, u dan ghaliex:

3.1.1. Mhux minnu li r-rikorrenti wegghet fuq ix-xoghol;

3.1.2. Lanqas sofriet dizabilita` kif allegat;

3.2. Illi l-mertu tat-tieni (2), it-tielet (3), u tar-raba' (4) talba tar-rikorrenti huma ezawriti, u dan ghaliex:

3.2.1. Ir-rikorrenti liberament irrizenjat mill-impjieg taghha, (ara foll 25 u 26);

3.3. Illi t-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet tar-rikorrenti huma improponibbli u insostenibbli *stante* li ma tistax issir talba ghal salarju u *bonuses* minghajr limitazzjoni;

3.4. Illi l-ewwel (1), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), u t-tmin (8) talba tar-rikorrenti huma infondati *stante*:

3.4.1. Illi r-rikorrenti ma sofriet l-ebda dizabilita`;

3.4.2. Illi s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda htija ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti;

3.5. Illi m'hemm l-ebda ness ta' kawzalita` bejn id-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti u l-agir tas-socjeta` intimata;

3.6. Illi s-socjeta` intimata ma tistax tinstab hatja ghad-danni allegati mir-rikorrenti *stante* li dejjem ipprovdiet *"a safe system of work"*;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

3.8. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Illi f'dan ir-rigward tiehu mill-ewwel l-opportunita` tissollecita lil min hu dovut, li meta jannetti dokumenti mar-rikors jew risposta *in atti* u jindikhom b'numru appozitu, dan ghandu jassigura ruhha li effettivament l-indikazzjoni minnu moghtija fl-istess att tkun effettivament indikata fid-dokument minnu pprezentat, (ara foll 19 ma foll 24, 25 u 26, u minn foll 26 sa 57);

5.0. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-12 ta' Mejju, 2010, (ara foll 69), li permezz tieghu hatret lis-segwenti biex jassistuha:

5.1. Expert Mediku, (ara foll 71);

5.2. Assistent Gudizzjarju, (ara foll 70);

6. Rat id-digriet taghha kif issa ppreseduta datat l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-istess assistent gudizzjarju biex tirritorna l-inkartament kollu fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 209);

7. Rat id-digriet taghha datat il-21 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu, u fuq talba appozita tal-istess, awtorizzat lill-imsemmija rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 254), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 281);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-4 t'April, 2016, (ara foll 260), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata l-14 ta' Gunju, 2016, (ara foll 282);

9. Rat il-verbal datat it-30 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali fuq riferiti ddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghan-noti minnhom ipprezentati;

10. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

11. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti u max-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti kienet impjegata bhala *machine operator* mas-socjeta` intimata, (ara foll 73);

12.2. Illi damet hekk impjegata mid-29 ta' Jannar, 1996, (ara foll 80), sat-12 ta' Marzu, 2010, (ara foll 73, 77A, 143 u 173);

12.3. Illi s-socjeta` intimata topera fabbrika tal-elettronika fejn is-sezzjoni tal-assemblagg fejn kienet tahdem ir-rikorrenti kienet is-sezzjoni li tuza l-*"power drive"*, (ara foll 73 u 255);

12.4. Illi l-uzu tal-*"power drive"* jintuza biex permezz ta' *"drill"* specjali li jahdem bl-elettriku jigu invitati viti tal-prodott li jkun qed jigi kostruwit, (ara foll 73);

12.5. Illi r-rikorrenti kienet assenjata dan ix-xoghol fuq il-*"power drive"*, damet tahdem f'dan ix-xoghol partikolari ghal snin shah, (ara foll 73, 89, 91, 204, 205, 212 u 252), u kienet qisha *"team leader"* fl-istess dipartiment, (ara foll 194);

12.6. Illi f'Mejju 2008, ir-rikorrenti bdiet tilmenta minn ugigh fil-minkeb ta' idejha l-leminija li kien jibqa` niezel ghas-swaba li bdew ukoll inemnu, (ara foll 73);

12.7. Illi dan l-ugigh beda jizdied progressivament u beda anke jimpedilha l-irqad, (ara foll 73);

12.8. Illi rizultat tal-istess f'Settembru 2008, ir-rikorrenti kienet kostretta tohrog mix-xoghol bis-*"sick leave"*, (ara foll 73);

12.9. Illi meta giet ezaminata mit-tabib tas-socjeta` intimata dan ikkonkluda li r-rikorrenti setghet kienet qed tbaghti minn kaz ta' *"tennis elbow"*, (lateral epicondilitis), (ara foll 109 u 191);

12.10. Illi l-istess tabib indikat fil-paragrafu precedenti sostna li jista' jaghti l-kaz li l-ugigh riskontrat mir-rikorrenti kien ikkagunat mix-xoghol li r-rikorrenti kienet taghmel, (ara foll 109);

12.11. Illi l-istess dijanjosi wasslu ghaliha wkoll it-tabib personali tal-intimata, il-konsulent ortopediku, u t-tabib tal-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta` li ezaminaw lill-istess rikorrenti, (ara foll 8, 9, 191 u 229), u sabu li kienet tbaghti minn *"arm vibration syndrome"* ikkawzata mill-uzu tal-apparat in dizamina;

12.12. Illi meta r-rikorrenti rritornat lura ghax-xoghol f'Ottubru, 2008, inghatat xoghol hafif, fiz-zona tal-ippakkjar, (ara foll 73);

12.13. Illi fil-frattemp ir-rikorrenti kienet kostretta tuza *"support"* ma idejha li ghadha tuzha sal-lum, (ara foll 73);

12.14. Illi fi Frar, 2009, ir-rikorrenti inghatat struzzjonijiet biex terga tirritorna fiz-zona fejn kien isir l-assemblagg u b'hekk terga tibda tahdem bil-*"power drive"*, (ara foll 73);

12.15. Illi *di piu*`, kienet ukoll giet informata li kemm- il darba tonqos li taghmel hekk kienet ser tkun kostretta tohrog

bis-*“sick leave”* ghaliex is-socjeta` intimata ma kelliex xoghol iehor ghaliha, (ara foll 74);

12.16. Illi ghalkemm ipprovat tobdi dawn l-istruzzjonijiet lilha moghtija, meta regghet hekk tipprova topera l-imsemmi *“power drive”* ma irnexxiliex, regghet bdiet twegga, u kienet kostretta tirrilaxxa dik iz-zona partikolari, (ara foll 74);

12.17. Illi meta ghalhekk talbet biex tinghata xoghol hafif li jirrifletti s-sitwazzjoni taghha, t-talba taghha kienet rifjutata u kienet allura kostretta mill-gdid biex tohrog bis-*“sick leave”*, u minghajr paga, (ara foll 73);

12.18. Illi tefghet ir-rizenja taghha mix-xoghol permezz t’ittra datata t-12 ta’ Marzu, 2010, (ara foll 173);

12.19. Illi meta d-Dipartiment ikkoncernat ezamina s-sitwazzjoni tar-rikorrenti dan sab li hi kienet intitolata ghall-beneficcju socjali relattiv ghall-korriment fuq il-post tax-xoghol, (ara foll 77C);

Ikkonsidrat:

13.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata sintetikament issosstni s-segwenti fir-rigward:

13.1. Illi skont dokumentazzjoni li ghandha l-istess socjeta` l-apparat in dizamina uzat mir-rikorrenti u mill-haddiema l-ohra fl-istess zona kien apparat appozitu intiz biex jevita proprju dan it-tip ta’ korriment, (ara foll 187B);

13.2. Illi dan l-apparat ma kienx jintuza l-hin kollu, (ara foll 255);

13.3. Illi t-tip ta’ korriment lamentat mir-rikorrenti kien l-uniku wiehed tax-xorta tieghu, (ara foll 187C);

13.4. Illi l-apparat uzat f’din l-operazzjoni jigi regolament mizmum u kkalibrat tajjeb, (ara foll 187C);

13.5. Illi fl-esekuzzjoni tax-xoghol taghha r-rikorrenti kienet giet imwissija diversi drabi biex tahdem ahjar, (ara foll 196 u foll 157 sa 163);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi skont impjegati ohra tas-socjeta` intimata jirrizulta sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-impjegati juzaw il-*"power drive"* kuljum, (ara foll 202);

14.2. Illi kien hemm granet meta impjegati ghamlu tmin (8) sieghat shah jahdmu bl-istess *"power drive"* u granet ohra meta hadmu biss erba' (4) sieghat biss, (ara foll 203);

14.3. Illi effettivament il-parti l-kbira tax-xoghol fejn kienet assenjata r-rikorrenti kien isir bl-uzu tal-*"power drive"*, (ara foll 203, 204 u 205);

Ikkunsidrat:

15. Illi *stante* it-tabib tas-socjeta` intimata dan ix-xoghol partikolari permezz tal-uzu tal-*"power drive"* jirrikjedi li l-operatur tieghu jutilizza kemm idejh kif ukoll il-minkeb li jkunu jinhtiegu jiddawru kostantement l' hemm u l' hawn skont l-esigenzi tax-xoghol, (ara foll 107 u 252);

16.0. Illi in vista tal-istess jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi jezisti ness bejn il-korriment tar-rikorrenti riskontrat u l-uzu tal-apparat partikolari in dizamina;

16.2. Illi allura jezisti ness kawzali tad-dannu direttament ikkagunat minhabba l-impjieg li r-rikorrenti kellha mas-socjeta` intimata;

16.3. Illi *di piu`*, jigi sottolineat ukoll li r-rakkomandazzjonijiet li t-tabib tal-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta` fuq il-Post

tax-Xoghol kien ghamel rigwardanti r-rikorrenti ma kienux gew applikati mis-socjeta` intimata, (ara foll 99);

16.4. Illi ghalhekk, *stante* li s-socjeta` intimata kienet naqset li timplementa sistema ta' rotazzjoni lavorattiva kif rakkomandata, allura jirrizulta assodat li naqset li timxi b'dik id-diligenza li jindika l-artiklu 1032 tal-Kodici Civili fit-termini tal-i*standard* tal-*"bonus pater familias"*;

16.5. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll assodat li l-korriment tar-rikorrenti riskontrat mhux attribwibbli ghal attivita` barra mix-xoghol taghha, (ara foll 229), u hu attribwibbli biss ghax-xoghol li hi kienet taghmel fi hdan is-socjeta` intimata, (ara foll 229);

Ikkunsidrat:

17. Illi din il-vertenza tirrigwarda analisi ta' hsara li sofriet ir-rikorrenti rizultat tax-xoghol li hi kienet tezercita fi hdan is-socjeta` rikorrenti, u ssib ir-risoluzzjoni taghha fl-analisi tal-*artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili* li biex jigi evitat dilungar inutili mhux qed jigu hawn riprodotti;

18. Illi in essenza, dawn l-artikli citati fil-paragrafu precedenti jistabilixxu li l-htija ghall-hsarat li jistghu jirrizultaw hi r-responsabbilita` ta' min ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja fl-azzjonijiet tieghu;

Ikkunsidrat:

19. Illi *di piu`*, il-kaz odjern jirrigwarda ambjent partikolari – dak tal-qasam tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, li minnu nnifsu jattira regime legali partikolari naxxenti mill-*Att XXVII tas-sena 2000* li kien gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2001, (illum il-*Kap 424* tal-Ligijiet ta' Malta);

20. Illi flimkien ma l-Att fuq riferit kien ukoll gie ppubblikat korp shih importantissimu ta' regolamenti diversi rigwardanti l-qasam tax-xoghol, fosthom l-*Avviz Legali 36 tal-2003*, imsejjah *Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-post tax-Xoghol*;

21. Illi in essenza, l-Kap 424 fuq riferit jikkodifika l-principji u d-dmirijiet generali li ghandhom jirregolaw dan il-qasam partikolari;

22. Illi fost l-ohrajn l-artiklu 4(1) tal-istess Kap 424 jeleva dan il-qasam partikolari *stante* li jistabbilixxi li:

> "Il-protezzjoni tas-sahha u tas-sigurta` fuq il-postijiet tax-xoghol ghandha titqies bhala materja ta' interess pubbliku";

23. Illi *di piu`*, b'mod aktar specifiku, l-artiklu 6(1) tal-istess Kap jistipula s-segwenti:

> "Min ihaddem, ghandu dejjem jizgura is-sahha u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistghu jigu effettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddmu";

24. Illi ghalhekk, min qieghed ihaddem ghandu l-obbligu li jipprevjeni attivament kwalunkwe hsara li tista' ssehh lill-haddiem";

Ikkunsidrat:

25. Illi stabbiliti l-principji generali li r-regime legali jrid li jintuzaw ghar-risoluzzjoni tal-vertenzi bhal dik in dizamina, hu issa ghaqli li jigi analizzat is-segwenti:

26. Illi fil-kawza ***Raymond Psaila vs. Pisciculture Marine de Malte Limited*** datata d-***29 ta' Settembru, 2011***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

> "Hija regola ohra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imghallem irid jizgura li jipprovdi lill-haddiema tieghu b'sistema xierqa ta' harsien minn kull periklu, (dak li bosta jsejhulu *"a safe system of work"*), fejn ikun sejjer isir ix-xoghol minnu mitlub. Fid-dritt dan id-dmir igorr mieghu grad gholi ta' responsabbilita` fuq l-imghallem, u jaqa` fuqu l-piz li jipprova li l-incident jkun sehh minkejja li

jkun hares dak kollu li l-ligi tistenna minnu f'dan ir-rigward";

Ikkunsidrat:

27. Illi in vista tal-analisi statutorja u gurisprudenzjali sintetika fuq esposta jemergi li s-socjeta` intimata, bhala socjeta` li thaddem, kellha d-dover imprexindibbli li fix-xoghol minnha implimentat tadotta dawk il-mizuri kollha dettati mill-esperjenza li jirrizultaw li jkunu mehtiega biex jiggarantixxu l-inkolumita` tal-haddiema li jkunu taht ir-responsabbilita` taghha fejn l-ghan ewlieni tal-istess ghandu jkun li tali mizuri ghandhom ghalhekk jittiehdu minn min ikun qed ihaddem biex jigi evitat kull dannu fiziku u psikologiku fuq il-post tax-xoghol;

Ikkunsidrat:

28. Illi stabbilit is-suespost, ghandu jkun pacifiku li l-uzu kostanti tal-*"power drive"* mir-rikorrenti f'*regime* lavorattiv fejn ir-rikkomandazzjonijiet tat-tabib tal-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xoghol, (ara foll 99 u paragrafu numru tnejn u ghoxrin punt tlieta, (22.3.), aktar qabel), ma kienux gew adottati mis-socjeta` intimata jakkollaw ir-responsabilita` tal-korriment tar-rikorrenti u tad-danni minnha sofferti kagun tal-istess, esklussivament fuq is-socjeta` intimata;

29. Illi jigi osservat f'dan l-istadju li l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata li hadd aktar mid-diversi haddiema hemm impjegati ma ilmenta minn dan it-tip ta' korriment hawn partikolarment riskontrat, m'ghandu l-ebda piz jew rilevanza ghad-determinazzjoni tal-kawza odjerna *stante* li hu irrilevanti ghall-fattispeci in dizamina;

30.0. Illi dak li hu hawn rilevanti hu li jigi stabbilit ness dirett:

30.1. Bejn ix-xoghol li r-rikorrenti kienet assenjata mis-socjeta` intimata; u

30.2. Il-korriment taghha;

31. Illi fid-dawl tas-suespost, ir-responsabbilita` ghall-korriment soffert mir-rikorrenti kagun tax-xoghol li hi kienet tezegwixxi fi hdan is-socjeta` intimata, taqa' kollha kemm hi fuq l-istess socjeta`;

Ikkunsidrat:

32. Illi stabbilit is-suespost jinhtieg issa jigi analizzat il-***quantum tad-danni*** involuti;

33. Illi kif jirrizulta mill-FS3 tar-rikorrenti relattiva ghall-2008 id-dhul salarjali tal-istess jirrizulta li kien ta' ghaxart elef tliet mija u erba' u tletin euro, (€10,334.00), fis-sena, (ara foll 62 u 63);

34. Illi bl-applikazzjoni taz-zidied ghall-gholi tal-hajja u ta' beneficcji ohrajn li haddiem hu intitolat ghalihom, dan ser jigi ikkalkolat fl-ammont ta' ***hdax- il elf euro, (€11,000.00)***;

Ikkunsidrat:

35.0. Illi rigward id-***dizabilita` riskontrata*** fuq ir-rikorrenti mill-espert mediku inkarigat minn din l-istess qorti jirrizulta s-segwenti:

35.1. Illi rizultat tax-xoghol assenjat lir-rikorrenti mis-socjeta` intimata, l-istess rikorrenti spiccat tbaghti b'dizabilita` permanenti ta' hamsa fil-mija, (ara foll 134);

35.2. Illi l-permanenza tad-dizabilita` riskontrata kienet ikkonfermata *in faciem curiae* mill-istess espert mediku nominat, (ara foll 247);

35.3. Illi fin-nuqqas t'operazzjoni fuq ir-rikorrenti d-dizabilita` in dizamina tigi klassifikata bhala wahda ta' natura kronika, (ara foll 247);

Ikkunsidrat:

36. Illi rigwardanti ***l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti ghal ezamijiet u konsulti medici***, l-ircevuti prodotti, (ara foll 65 *et*

*sequitur*), jindikaw li dawn kienu ammontanti ghal mitejn u hamsa u erbghin euro, (***€245.00***);

Ikkunsidrat:

37. Illi l-istess ricevuti juru wkoll li kien hemm ***spejjez legali*** ammontanti ghal tliet mitt euro, (***€300.00***);

Ikkunsidrat:

38.0. Illi rigward il-***Multiplier*** jinghad sintetikament is-segwenti:

38.1. Illi r-rikorrenti twieldet fid-9 ta' Mejju, 1977, (ara foll 26);

38.2. Illi fid-data ta' meta spiccat tahdem, (it-12 ta' Marzu, 2010), (ara foll 25), ir-rikorrenti kellha tlieta u tletin, (33), sena;

38.3. Illi jirrizulta li l-kawza odjerna giet ukoll intavolata fl-istess data meta r-rikorrenti spiccat mill-impjieg taghha minn mas-socjeta` intimata;

38.4. Illi fid-dawl tal-insenjament tas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro***, datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, il-***multiplier*** li hawn ghandu japplika hu dak ta' ***hamsa u ghoxrin, (25)***;

Ikkunsidrat:

39.0. Illi fir-rigward tal-***Lump Sum Payment*** jinghad sintetikament is-segwenti:

39.1. Illi jirrizulta pacifiku li l-kawza giet intavolata fit-12 ta' Marzu, 2010, (ara foll 1);

39.2. Illi s-sentenza qeghda tinghata fil-15 ta' Novembru, 2016;

39.3. Illi ghalhekk il-procedura odjerna damet aktar minn sitt (6) snin biex tigi deciza;

40. Illi f'dan ir-rigward, fil-kawza fl-ismijiet ***Annunzjata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri***, datata s-***27 ta' Frar, 2004***, il-***Qorti tal-Appell*** qalet li:

> "Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident";

41. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited***, datata t-***12 ta' Gunju, 2015***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** sostniet li:

> "F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hlas f'daqqa, ("lump sum payment"), lill-beneficjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

42. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, it-tnaqqis fir-rigward hawnhekk ghandu jkun ta' *tnax fil-mija, (12%)*;

Ikkunsidrat:

43. Illi ghalhekk il-***quantum*** tad-danni ghandu jigi kkalkolat bil-mod segwenti:

**€11,000 x 5% x 25 = €13,750 – (12% ta' €13,750) = €12,100**

**+ €245 + €300 = €12,645.00**

Ikkunsidrat:

44. Illi *di piu`*, jigi ritenut li hawn ghandu wkoll jigi ikkonsiderat il-perjodu minn meta r-rikorrenti waqfet tahdem ghaliex kienet kostretta tohrog bis-*sick leave* minghajr paga, (Marzu 2009), sad-data ta' meta hi rrizenjat mill-impjieg, (Marzu 2010);

45. Illi jirrizulta li f'dan il-perjodu r-rikorrenti irceviet hlas bhala beneficiji socjali ghall-korriment fuq il-post tax-xoghol ammontanti ghal €233.16 u ta' €3,439.11, (ara foll 83 u 84 rispettivament), komplessivament ammontanti ghal tliet elef, sitt mija u tnejn u sebghin euro u seba' u ghoxrin centezmu, (€3,672.27);

46. Illi ghandu jkun pacifiku li l-ammont komplessiv indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jitnaqqas mis-salarju annwu percepit mir-rikorrenti ta' €10,334.00 ghas-sena in dizamina, li ghalhekk iwassal li ghas-salarju annwu ta' Marzu 2009 sa Marzu 2010 kien hemm €6,661.73;

Ikkunsidrat:

47. Illi fid-dawl tas-suespost l-ammont involut ghandu ghalhekk jizdied bil-mod segwenti:

***€12,645 + €6,661.73 = €19,306.73***

**DECIDE:**

48.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u filwaqt li:

48.1. Tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata;

48.2. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

48.3. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi unikament responsabbli ghall-korriment u ghad-dizabilita` riskontrata fuq ir-rikorrenti;

48.4. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ma kelliex dritt tordna lir-rikorrenti tohrog u tibqa' fuq *"sick leave"* minghajr hlas *stante* li mhix marida izda korriet fuq il-post tax-xoghol;

48.5. Tiddikjara li r-rikorrenti hi intitolata tircievi s-salarju u *“bonuses”* li hi intitolata ghalihom bhala impjegata tal-istess socjeta` intimata;

48.6. Tiddikjara wkoll lis-socjeta` intimata unikament responsabbli ghad-danni, inkluzi l-ispejjez medici sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess;

48.7. Tillikwida s-somma komplessiva kemm ghas-salarju u *“bonuses”* fuq citati u ghad-danni u spejjez medici involuti fl-ammont ta’ dsatax- il elf, tliet mija u sitt euro u tlieta u sebghin centezmu, (€19,306.73);

48.8. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

48.9. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**